Minuti tal-Laqgħa Nru. 5 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders u Kwotazzjonijiet (Proġett tal-Bandli u Accountant)
5. Fondi Addizjonali Family Park
6. Rapporti fuq id-dekasteri
7. Proġett tal-Bandli
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 3.11 dan irid ikun għall dawk il-persuni li joħorġu minn Triq Dun Ġużepp Micallef.

1.2 Il-Viċi Sindku qalet li fuq punt 3.9 dan trid tkun il-bankina li hemm fejn il-Covenience Shop.

1.3 Il-Kunsillier Bruno qal li t-tournament se jkun organiżżat minn Luqa St. Andrew's FC u se jkun organiżżat lejn tmiem l-istaġun bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali.

1.4 Il-Kunsilliera Caruana semma li fuq punt 3.25 din trid tkun Wesgħet Dun Joe Camilleri u l-globi jitwaħħlu fuq iz-zuntier.

1.5 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li fuq punt 3.26 hija kienet rat kopja tal-permess.

1.6 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li fuq punt 5.1 hija fil-bidu tal-laqgħat kienet talbet għal statements finanzjarji. Dwar ir-rendikont tal-courses din kienet ħaġa oħra.

1.7 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li fuq punt 5.6 hija l-ewwel kienet irrispondiet lill-Ingrid imbagħad għamlet cc tal-email lis-Segretarju.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku saqsiet fuq il-bozza li kellha issir fi Triq ir-Rixtellu. Is-Sindku semma li kemm il-darba jkun hemm approval din titwaħħal mill-ewwel.

2.2 Is-Sindku semma li fuq l-attivita tal-Pets Day għall okkażżjoni se jeħlu 4 dog litter bins madwar Ħal Luqa.

2.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa minn se jkun qed inaddaf dawn id-dog litter bins. Is-Sindku irrisponda li se nkunu qed inkellmu l-kuntrattur li jiġbor l-iskart biex jieħu ħsieb. Is-Sindku semma xi nħawi fejn huma ppjanati li dawn isiru.

2.4 Fuq punt 3.8 il-Kunsillier Caruana semma li xorta għadu jkun hemm xi ħaddiema li qed ikunu bla mgħażqa. Is-Sindku semma li huwa diġa kien bagħat lil Mario Psaila jaqta xi ħaxix. Is-Sindku talab lil Kunsillier Caruana sabiex ilesti lista ta toroq fejn hemm il-ħaxix biex dan jinqata.

2.5 Il-Viċi Sindku saqsiet fuq it-toroq li kellhom isiru fejn hemm l-imwejjed tal-Family Park. Is-Segretarju semma li kif ikun hemm persuna li tkun kapaċi tagħmel dawn it-toqob puliti isiru mill-ewwel.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li l-kollettur tal-iskart qed ikollu tifel miegħu meta jkun qed jiġbor l-iskart nhar ta' Sibt. Is-Sindku qal li minn naħa tiegħu huwa qallu li dak huwa t-tifel tiegħu u peress li bħalissa qegħdin bil-vaganzi tas-Sajf u qed iqatta ftit tal-ħin miegħu. Is-Sindku qal li huwa kien infurmat u kien diġa kellmu peress li dan mhux sewwa. Is-Segretarju qal ukoll li huwa kien inzertah u kellmu għax ma kienx qed jagħmel sew. Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn jerġa jwissieh.

3.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-water culverts meta se jsir it-tindif tagħhom. Is-Segretarju irrisponda li sa jumejn oħra se jkollu l-istimi kollha f' idejh.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li tal-ELC kienu qed jagħmlu xogħol ta tindif estensiv fejn hemm Ħal Farruġ maġenb il-Bandli. Is-Sindku semma li huwa kien preżenti waqt ix-xogħol u kien mar anki s-Sibt biex jurihom x' hemm bżonn isir.

3.4 Is-Sindku semma li kien hemm arblu msaddad u perikoluż maġenb din iż-żona u li għalhekk inkellmu lil Enemalta sabiex dan jitneħħa. Huwa semma wkoll li kien hemm xi ħadid sabiex dan jitneħħa u b' hekk tkun tista ssir kurvatura tajba mingħajr periklu għas sewwieqa.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm bżonn li jittella ħajt ta filata dobblu maġenb iz-zuntier tal-Kappella ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku semma li jekk huwa jkollu l-materjal jieħu ħsieb huwa stess biex dan iċ-ċint jittella.

3.6 Il-Kunsillier Caruana semma li maġenb fejn kien qed isir it-tindif f' Ħal Farruġ kien hemm caravan fejn kien qal lis-sid biex ineħħih imma dan baqa hemm. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex waqt li jkompli jitlesta x-xogħol jibgħat bil-miktub lis-sid tal-caravan biex dan ineħħih.

3.7 Il-Kunsillier Bruno semma li huwa attenda għall laqgħa dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fejn anki kien infurmat li Ħal Luqa m' għandiex Kunsill taż-Żgħażagħ. Huwa semma li kien hemm lokalitajiet li kellhom dan il-Kunsill u li minnu ibbenefikaw anki fuq fondi.

3.8 Is-Sindku issuġġerilu biex isib grupp ta' żgħażagħ sabiex dan ikun ipproponut għall Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsilliera Elaine Schembri semmiet li dan il-Grupp il-quddiem ikun jista anki jattendi għall Youth Exchanges.

3.9 Il-Kunsillier Bruno semma li t-tournament bħala data ġie iffissat għall 10 t' Ottubru.

3.10 Il-Kunsillier Bruno talab lis-Sindku biex imorru fuq il-post fejn hemm Wied il-Knejjes peress li hemm triq deterjorata ħafna biex naraw x' jista jsir anki minħabba l-problema tal-ilma. Is-Sindku qal li biex isir dan il-Proġett tal-water culverts rridu jinġiebu fondi Ewropej peress li huwa proġett ta natura kapitali u l-Kunsill m' għandux fondi għall dan il-għan.

3.11 Il-Kunsillier Bruno semma li huwa ukoll kien għamel rikjesta mal-Ministru fuq din it-triq u dan kien qallu li din kellha ssir.

3.12 Il-Viċi Sindku semmiet li l-funzjoni tar-Reġjun kienet se tinbidel sal-aħħar tas-sena u semmiet biex jekk il-Kunsill Lokali għandu jiġbor xi flus fuq skemi nieħdu ħsieb niġbruhom.

3.13 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li l-guidelines u l-applikazzjoni għall attivitajiet kulturali kellhom jintbagħtu qabel lilu peress li issa daħal ħafna ż-żmien. Huwa semma li diġa kien kellem xi persuni biex jfittex u jisma xi ideat.

3.14 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li diġa kien hemm persuna li offriet li tista tintervista xi anzjani u tirrekordjahom u jsir DVD fuqhom. Is-Sindku semma li diġa kienet saret DVD u din tista terġa tintuża għall din id-darba.

3.15 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li missier Eleanor jista jipprepara preżentazzjoni għall waqt l-attivita u jkun hemm intervista lil xi persuni anzjani. Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li huwa kien iċċekkja mas-Sanita fuq minn jista l-mazzitt u sab li c-Chef Choice huwa l-unika wieħed li huwa attrezatt biex jagħmel l-mazzitt. Is-Sindku semmielu biex fl-applikazzjoni iniżżel dawn l-affarijiet għax huma tajbin.

3.16 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien applikka għall proġett Art in Public Spaces fejn fosthom kien hemm proposta biex isir Monument tal-Irħam maġenb Triq il-Ġdida. Huwa qal li għad iridu nistennew ir-riżultat.

3.17 Is-Sindku semma li l-festa tal-lampuki ma kinitx se ssir peress li din is-sena ma nqabdux lampuki.

3.18 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li fejn il-flats ta Matti qed iħallu ħafna skart fuq barra li qed ikun t’ inkonvenjent. Huwa semma jekk tistax issir forma ta cupboard biex iħallu l-boroż fiha. Is-Sindku qallu li l-aħjar inkellmu lis-sid biex isib post adegwat fejn dawn jistgħu jitħallew. qallu li hekk se jkun hemm problema għall dawk li joħorġu. Is-Sindku qallu li hemm tista ssir one way fil-post. Il-Kunsillier Caruana qallu li jekk ikun hemm dan l-arranġament tissolva l-problema.

3.19 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm xi familja Taljana li ġiet toqgħod fi Triq Wied il-Knejjes li mhux qed tosserva l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku semma li se tintbagħtilhom ittra bit-Taljan.

3.20 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li kienu bagħtu email minn naħa tal-Każin fuq skart li qed jitħalla quddiem il-biex tal-Każin. Is-Sindku semma li imisshom jagħtu d-dettalji ta minn qed iħammeġ sabiex il-Kunsill jkun jista jieħu azzjoni.

3.21 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li kienu saru ittri rigward il-Pets’ Day lir-residenti u saqsa jekk dawn jistgħux jerġgħu jsiru. Huwa semma li se jibgħat xi punti lis-Segretarju.

## 4.0 TENDERS U KWOTAZZJONIJIET (PROGETT TAL-BANDLI U ACCOUNTANT)

4.1 Is-Segretarju fetaħ l-offerti li kien hemm għall servizz tal-Accountant għall Kunsill Lokali u l-offerta fuq il-proġett tal-Bandli. Huwa ħa nota tal-prezzijiet fuq skeda apposta.

4.2 Is-Segretarju informa li l-offerta fuq il-proġett tal-Bandli sottomessa minn Charles Abela ma kienx hemm garanzija bankarja fuqha. Huwa semma li se jkun qed jara l-provedimenti tal-liġi x' jgħidu f dar rigward. Huwa informa li għalissa qed isir il-ftuħ biss u mhux evalwazzjoni.

## 5.0 FONDI ADDIZZJONALI FAMILY PARK

5.1 Is-Sindku semma li huwa kien informa lil Paying Agency fuq l-andament ta kif kien sar ix-xogħol u l-infieq fuq il-proġett tal-Family Park. Huwa semma li kienet saret ittra bħala forma ta talba fuq il-variations li kienu saru matul il-proġett li kienu jikkonsistu fuq il-boundary wall, il-ħamrija u l-ġibjuni. Is-Sindku bi pjaċir informa li l-Kunsill kien se jingħata madwar € 110,000.

5.2 Is-Sindku semma li issa tnaddfet il-parti li hemm għadha mhux żvillupata u se titwitta l-ħamrija.

5.3 Il-Kunsillier Caruana semma li l-Pulizija kienu waħħlu karta ma karozza li kien hemm mitluqa fejn il-Family Park biex fi żmien ġimgħ din titneħħa.

5.3 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li kien sar misunderstanding peress li hija ma kinitx taf li dawn id-dokumenti kienu mgħoddija lill-Kunsillier Caruana u kien għalhekk li bagħatet l-email fejn talbet dawn id-dokumenti.

5.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill mhuwiex fallut għax kieku mhux se jkun qed jiddiskuti biex jagħmel proġetti bħal bandli u huwa wieħed mill-Kunsilli hawn Malta li huwa minn ta quddiem. Huwa qal li fil-Kunsill ma nistgħux nimxu bl-atteġjament tal-Partiti għax kulħadd irid jiġbed ħabel wieħed fejn l-ewwel irid iżomm f' moħħu lil Ħal Luqa.

5.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk jistax jerġa jibda jkollhom rendikont tax-xahar fejn kien ikun hemm. Is-Segretarju qal li dan jista jerġa jibda jsir.

5.6 Is-Segretarju qal li huwa ħassu urtat bl-email t' Elaine peress li din l-email ma kinitx indirizzata lilu l-ewwel. Hija qalet li wara li bagħtitilha Ingrid imbagħad lilu ikkupjatu. Is-Segretarju qallha li darb' oħra emails ta din it-tip iridu jintbagħatu lilu mill-ewwel peress li l-istaff tal-Kunsill jikkonsultaw miegħu qabel jiktbu u huwa li jagħti l-ordnijiet.

## 6.0 RAPPORTI FUQ ID-DEKASTERI

6.1 Is-Sindku semma li kien wasal iż-żmien biex il-Kunsilliera jippreparaw rapport fuq id-dekasteri li minhom huma kienu responsabbli. Huwa appellalhom biex fil-laqgħa li jmiss iħejju dawn ir-rapporti.

## 7.0 PROĠETT TAL-BANDLI

7.1 Is-Sindku semma li dan l-item diġa ġie diskuss.

## 8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

**Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Massa biex toħroġ mis-Sala**

8.1 Is-Sindku semma li l-Kunsilliera Massa qabel l-elezzjoni kellha każ fejn għamlulha vandaliżmu mal-faċċata. Huwa semma li l-ispejjeż totali kienu ġew €213. Is-Sindku semma li l-Kunsill kien iċċekkja mal-insurance imma ma setgħux jngħataw dawn il-flus peress li kien hemm ammont taħt il-claim. Huwa saqsa lill-Kunsilliera jekk il-Kunsill m' għandux ikopri l-ispejjeż tal-ħsarat. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata l-ispejjeż involuti.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2015 fis-7.30 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2015.

______________________ John Schembri
Sindku

______________________ Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv